MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 30/2010

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**
**IMĦALLEF**
**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

Illum it-Tlieta, 22 ta' Ġunju, 2010

Kawża Nru:   49
Rikors Nru:  30/10JRM

**BANK OF VALLETTA  p.l.c**

**vs**

**B. KAM HOLDINGS LIMITED** (C-24868)
u Alan Jones Briffa

Il-Qorti**,**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-13 ta' Jannar, 2010, li bih is-soċjeta' rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kitba privata tat-18 ta' Mejju, 2006, (u hawn esebita bħala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-imħarrkin

(a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti,
(b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew,
(c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess imħarrkin li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta attriċi.

(ii) Tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lis-soċjeta' attrici s-somma ta' wieħed u erbgħin elf disa' mija u ħames euro u erbgħa u disgħin ċentezmi (€41,905.94) bilanċ għad-debitu fil-"*Loan Account*" tal-kumpannija mħarrka mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. "B1 sa B3", "D1 sa D3" u "E1 sa E3") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mit-3 ta' Diċembru, 2009, sad-data ta' l-effettiv pagament;

(iii) Tikkundanna lill-imħarrek Alan-Jones Briffa jħallas lis-soċjeta attrici s-somma ta' sebgħa u għoxrin elf disa' mija u tnejn u ħamsin euro u tmienja u erbgħin ċenteżmi (€27,952.48) parti mill-bilanċ għad-debitu fil-"*Loan Account*" tal-kumpannija mħarrka mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. "B1 sa B3", "D1 sa D3", "E1 sa E3") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-3 ta' Diċembru, 2009, sad-data ta' l-effettiv pagament;

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lill-imħarrkin bil-mezz maħsub fl-artikolu 187 tal-Kap12, li naqsu li jipprezentaw risposta fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi u hekk baqgħu kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda tas-soċjeta' rikorrenti;

Semgħet l-avukat tas-soċjeta' rikorrenti;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirrizultaw mistħoqqa;

Fil-Kontumaċja tal-intimati taqta' u tiddeciedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta' rikorrenti** kif dedotta fir-Rikors u ssib li seħħet waħda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kitba privata tat-18 ta' Mejju, 2006 billi l-imħarrkin naqsu li jħallsu regolarment u fiż-żmien li fih intrabtu li jagħmlu dan mal-Bank attur; billi l-istess imħarrkin naqsu li jwettqu l-obbligi l-oħrajn li ntrabtu bihom; u billi seħħew bidliet meterjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess imħarrkin li jolqtu ħazin il-possibilita' tal-ħlas lura tad-debitu lill-istess Bank attur;

**Tilqa' t-tieni talba attrici** u tikkundanna lill-kumpannija imħarrka biex tħallas lill-Bank attur is-somma ta' wieħed u erbgħin elf, disa' mija u ħames euro u erbgħa u disgħin ċentezmi (€41,905.94) bilanċ għad-debitu fil-"*Loan Account*" tagħha flimkien mal-imgħax legali ulterjuri fuq dik is-somma b'seħħ mit-3 ta' Diċembru, 2009, sal-jum tal-hlas effettiv;

**Tilqa' t-tielet talba** attriċi billi tikkundanna lill-imħarrek Alan-Jones Briffa, bħala garanti solidali tal-kumpannija imħarrka, iħallas lill-Bank attur is-somma ta' sebgħa u għoxrin elf disa' mija u tnejn u ħamsin euro u tmienja u erbgħin ċentezmi (€27,952.48)rapprezentanti l-biċċa mid-debitu sħiħ fuq imsemmi li għalih l-istess imħarrek daħal bħala garanti solidali mal-kumpannija mħarrka l-oħra, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq dik is-somma b'seħħ mit-3 ta' Dicembru, 2009, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

Tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu l-**ispejjeż tal-kawża.**

Moqrija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------